MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 76/2011

**GO plc – C22334**

**vs**

**Willsmart Limited
C26279**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€580.54c), ammont li huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru 10023953 u 40029295 skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti annessi. Dok. IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10023953, Dok. IZY 2 ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 10023953, u Dok. IZY 3 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40029295. Illi s-socjeta' konvenuta giet

interpellata divrrsi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmenin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€580.54c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------